**18 ta' Mejju, 1963.**

**Imħallef:**

**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Avukat Dottor Albert Ganado, B.A., LL.D.

**Preskrizzjoni — Reat istantaneu u reat permanenti**

*Il-perijodu tal-preskrizzjoni jista' jibda biss meta tittermina l-vjolazzjoni, u għalhekk f'każ ta' reat permanenti ma hemmx preskrizzjoni.*

Il-Qorti, rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, li biha 'l fuq imsemmi Avukat Dottor Albert Ganado ġie imputat tali f'tas-Sliema, u bnadijiet oħra f'Malta, f'dawn l-aħħar tliet (3) xhur, bħala amministratur ta' proprjetà li tagħti għat-triq Nazarene Street, ma obdiex l-ordni leġittimu tal-Pulizija billi ħalla l-istess triq fi stat ħażin ta' tiswija, wara li ġie avżat bil-miktub mill-Pulizija biex jieħu passi saħbiex dik it-triq titqiegħed fi stat tajjeb ta' tiswija,

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-ħamsa (5) ta' Frar 1963, li biha sabet lill-imputat ħati skond l-imputazzjoni, u kkundannatu għall-ammonizzjoni u riprensjoni, u tagħtu xahrejn żmien biex jikkonforma ruħu mal-liġi u mal-ordni mogħti lilu bil-miktub mill-Pulizija taħt penali ta' tmintax irbiegħi (£0.2.6.) għal nuqqas;

Rat ir-rikors tal-imputat li bih appella minn dik is-sentenza u talab li tiġi revokata u li hu jiġi assolt;

Rat is-sentenza "in parte" ta' din il-Qorti tas-sitta (6) ta April 1963, riprodotta in kopja fol. 45, li biha ġiet deċiża, f'sens ta' riġett, il-preġudizzjali opposta mill-appellant;

Trattat ulterjorment l-appell;

Ikkunsidrat:

Bil-verbal fol. 50 tal-inkartament ġew riassunti l-eċċezzjoni ulterjuri tal-appellant, u din il-Qorti, wara li semgħat id-diskussjoni ampja tagħhom, tipproponi li tikkunsidrahom u tiddisponi minnhom **singillatim**;

**Fuq l-ewwel pont** —

L-imputat qed isostni li l-unika imputazzjoni u l-vera waħda hi dik li huwa ma obdiex l-ordni tal-Pulizija;

Din id-deduzzjoni ġiet diġà virtwalment inkontrata bid-deċiżjoni preliminari fuq imsemmija, fejn ingħad, fit-tarf tal-aħħar *konsiderando*, illi s-sentenza tal-imputazzjoni hi li t-**triq tħalliet fi stat ħażin ta' tiswija**,—u verament meta jingħad fiċ-ċitazzjoni li l-imputat ma obdiex l-ordni tal-Pulizija billi ħalla t-triq fi stat ħażin ta' tiswija, ikun qed jingħad in linea prinċipali li hu ħalla t-triq f'dak l-istat u biss in linea korollarja jkun qed jingħad li b'hekk iddiżobbedixxa l-ordni tal-Pulizija. Il-*fatt* saljenti hu dak tat-triq, — id-disubbidjenza hi merament konsegwenzjali famulativa, u pedissekwa.

**Fuq it-tieni pont** —

L-appellant issottometta wkoll li lilu ma ġiex speċifikat liema tratt tat-triq hu ħalla fi stat ħażin *ta' tiswija*.

La skond l-interpretazzjoni ġurisprudenzjali tal-art. 372

(qabel art. 360) Kod. Krim., u lanqas skond il-praxis curiae, ma kienet meħtieġa, bħala partikolar essenzjali, dik l-indikazzjoni (ara App. Krim. Pul. vs. Ashby 12 Awissu 1917). Il-prattika kienet, u hija, li jidher uffiċċjal kompetenti tad-dipartiment governativ biex jagħti, fit-trattazzjoni, il-partikolarijiet okkorrenti;

Fuq it-tielet pont;

Ġie anki addott l-argument li ma saret ebda dikjarazzjoni mill-parti tad-*Direttur tax-Xogħlijiet* Pubbliċi; —

L-art. 13 (9) tal-Kap. 13 Ediz. Riv., jgħid *li* kull *triq* għandha *tinżamm fi stat tajjeb ta' tiswija* għas-sodisfazzjon tad-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi; —

*B'daqshekk, ma hux qed jingħad li fiċ-ċitazzjoni* jew magħha għandu jkun hemm id-dikjarazzjoni relativa ta' dak l-Uffiċċjal, — dik id-dispożizzjoni timporta biss *li* jekk *it-triq hijiex jew le fi stat ħażin ta' tiswija hi kwistjoni rimessa* għal "executive direction" ta' dak l-Uffiċċjal fil-każ li fil-kawża tiġi aġitata dik il-kwistjoni;

Fuq ir-raba' pont —

Ġie argumentat ukoll li jekk l-imputazzjoni hi dik li ġie *diżobdut l-ordni leġittimu* tal-Pulizija, allura r-reat hu istantaneu, u hemm il-preskrizzjoni;

Ġie diġà rilevat supra li l-imputazzjoni ma hijiex verament dik ta' disubbidjenza għall-*ordni* tal-Pulizija, u għalhekk jidher li din id-deduzzjoni, puntellata fuq dak il-pont, ma hemmx aktar lokha. L-imputazzjoni li t-triq tħalliet fi stat ħażin ta' tiswija ma *hijiex* reat *istantaneu*, imma reat permanenti, għaliex qegħda tkompli dietim il-vjolazzjoni tal-liġi,

bħala distinta *mill-effetti* tar-reat. (Ara ġurisprudenza in materja, Sent. Appell Krim. Pul. vs. George Zammit 27 Mejju 1939, Imħ. sedenti, — li fiha hemm ċitati d-deċiżjonijiet *normativi in materja, li magħhom jistgħu jiġu* llum *miżjuda* r-rimarki ulterjuri magħmula in materja mill-Imħallef sedenti in Pul. vs. Wilkinson, 7 *ta'* April 1945, (Vol. XXXII, iv, 872), dejjem bħala kriterji applikabili għaċ-ċirkostanzi diversi tal-każijiet partikolari); La darba mela dan ir-reat *ta' din* il-kawża *hu* **permanenti,** **għalhekk** ma hemmx preskrizzjoni, għaliex, b'liġi, (art. 686 Kod. Krim.) din tista' biss tibda meta tittermina l-vjolazzjoni *li, f'dan il-każ,* qegħda tippermani **de die in diem;**

*Ikkunsidrat fuq il-ħames pont tal-abbandun tat-triq;*

L-*appellant* avanza wkoll l-argument illi bl-att notarili tat-tnejn (2) ta' Diċembru 1961 Nutar Micallef Trigona, fol. 5 tal-inkartament, alligat ma' dan, hu abbanduna kull pro*prjetà li seta' kellu fuq il-porzjon tat-triq* u *bankina rilevanti* għal dan il-każ. Kompla, għalhekk, isostni l-appellant li, in konsegwenza *ta' dak* l-abbandun, il-beni saru **vakanti, u, bħala** tali, għaddew, skond il-liġi, favur il-Kuruna, u b'hekk hu svesta ruħu minn kull responsabilità. *Żied jgħid* li dak l-att bħala att *pubbliku* għandu *jkollu* l-effett tiegħu kollu sakemm ma jiġix impunjat. Osserva wkoll l-appellant li dan l-argument ma *jikkozzax* mad-dispost tal-liġi dwar it-trasferiment favur il-Gvern tat-toroq tal-privati (art. 13 (10) Kap. 13) — anzi jista' jiġi armonizzat miegħu.

Ikkunsidrat:

Ċertament, kif ġie osservat mill-Qorti tal-Appell, Sedi Superjuri, Kollez. Vol. XXIV, *i,* 203, "*il mantenimento dei ocntratti è di interesse generale*", u *ċertamnet il-proċedura ta'* impunjazzjoni ta' att simili hu spedjenti li ssir b'azzjoni ap-

posita u quddiem *it-tribunal* kompetenti. Imma, hawn NON si tratta ta' impunjazzjoni ta' dak l-att, imma sempliċement si tratta li l-Ġudikant jara *liema riperkussjoni* jista' jkollu dak l-att fuq *l-imputazzjoni* odjoma. Daqshekk u xejn aktar minn daqshekk.

Ikkunsidrat:

Hu veru li skond l-art. 364 Kod. Ċiv. il-beni vakanti huma tal-Kuruna. Hu veru wkoll li, fost il-beni vakanti, hemm anki dawk il-beni li l-proprjetarju jkun irrinunzja għalihom bla ma ċedihom lil ħadieħor (ara Kollez. XXXIX, i, i).

Din il-Qorti hi tal-fehma li dak l-att notarili ma jistax ikun operativ għar-rigward ta' din l-imputazzjoni fis-sens li jeskludiha għal dawn ir-raġunijiet —

Dik ir-rinunzja saret fit-tnejn (2) ta' **Diċembru 1961.** Almenu minn **Settembru** ta' dik is-sena (ara avviż fol. 4) l-appellant kien ġie avżat li t-triq kienet fi stat ħażin ta' tiswija u interpellat biex isewwiha. Għalhekk, ir-rinunzja ma tista' tinnewtralizza din l-imputazzjoni, għaliex il-fatt, li jikkostitwixxi l-bażi ta' dik l-imputazzjoni, kien diġà ssuċċeda qabel ma saret ir-rinunzja,, li, għalhekk għal finijiet ta' dan il-ġudizzju, ma saritx re adhuc integra. — Ma jsirux imbagħad, proprjament vakanti għal finijiet tal-imputazzjoni odjerna dawk il-beni *li, fil-mument* tar-rinunzja, jkunu oberati b'obbligu legali, inerenti magħhom, mhux esegwiti, partikolarment meta, bħal ma huwa dan il-każ, is-suppost benefiċċjarju ta' dik ir-rinunzja huwa l-istess Gvern, kreditur tal-obbligu inesegwit. Minbarra hekk, jiġi wkoll rilevat li, għar-rigward tat-trasferiment tat-toroq tal-privat lil Gvern, hemm dispożizzjoni speċifika, u jinipunja għal kull norma ġuridika illi dak l-artikolu tal-liġi jista' jiġi elus bl-abbandun tat-triq lil Gvern avolja din ma tkunx fl-istat konfigurat mill-liġi.

Fuq is-sitt pont —

L-appelant qal li hu ma għadux kuratur tal-interdett sid il-beni in parola, għax dan miet, u l-appellant esibixxa, b'nota tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' April 1963, l-att tal-mewt *relativ.*

*Jiġi osservat li* l-appellant ġie ċitat bħala **amministratur** *tal-beni li jagħtu għat-triq in* kwistjoni, u mhux speċifikatament bħala kuratur tal-ġà interdett. Issa, għas-sens tal-verbal fol. 50 tergo, Dottor Ganado, l-appellant, għadu jamministra dawk il-beni **alio titulo**, u hu għandu għalhekk il-kontroll tagħhom għan-nom u fl-interess ta' dawk li *huma intitolati* għalihom; dan hu biżżejjed għal finijiet tal-liġijiet tal-Pulizija skond l-istess definizzjoni leġislativa tal-kelma "sid";

Għal motivi fuq indikati din il-Qorti tirrespinġi d-deduzzjonijiet defensjonali u għalhekk tiddeċiedi *billi* tiċħad l-appell, u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan li t-terminu jibda jgħaddi *mill-lum.*